

Qafas ta' Kompetenza



L-istituzzjonijiet tal-UE qed ifittxu kandidati
b'talent u motivati li jistgħu juru
8 kompetenzi ġenerali


8 kompetenzi li għandhom jint- werew matul it-testijiet tal-UE

- 1. Fsieb kritiku, analiżi u soluzzjoni kreattiva tal-problemi radošums problēmu risināšanā**
- 2. Teħid ta' deċiżjonijiet u kisba ta' riżultati**
- 3. Ġestjoni tal-informazzjoni (litteriżmu diġitali u tad-data)**
- 4. Awtoġestjoni**
- 5. Ffidma ma' oħrajn**
- 6. Tagħlim bħala ħila**
- 7. Komunikazzjoni**
- 8. Intraprenditorija**




1. **Ħsieb kritiku, analiżi u soluzzjoni kreattiva tal-problemi**

Jimmaniġġjaw informazzjoni kumplessa b'perspettiva ta' ħsieb tas-sistemi u olistika. Juru għarfien dwar ir-ramifikazzjonijiet ta' kwistjonijiet lil hinn mill-qasam ta' responsabbiltà tagħhom stess u jikkunsidraw l-istampa usa' u perspettivi oħra. Jifhmu b'mod ċar x'inhu essenzjali u jistrutturaw il-ħsibijiet. Jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u innovattivi li jqisu l-ħtiġijiet u l-pożizzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati.



2. Teħid ta' deċiżjonijiet u kisba ta' riżultati

Jieħdu deċiżjonijiet f'ambjent fluwidu, b'informazzjoni konfliġġenti jew mhux kompluta. Jagħżlu bejn soluzzjonijiet imperfetti, isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-kwalità u l-ħeffa skont is-sitwazzjoni. Jittrasformaw l-isfidi f'azzjoni u soluzzjonijiet prattiċi, u jiksbu riżultati tanġibbli.



3. Ġestjoni tal-informazzjoni (litteriżmu diġitali u tad-data)

Isibu, jiffiltraw, jevalwaw, jużaw, joħolqu u jikkomunikaw kontenut bl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-internet. Jaqraw, jifhmu u jużaw id-data b'modi differenti, u juru ħiliet numeriċi. Jittraduċu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi permezz ta' għodod diġitali u jadattaw malajr għal realtajiet tal-IT u professjonali ġodda.



4. Awtoġestjoni

Jorganizzaw ix-xogħol proprju, jistabbilixxu l-għanijiet, jimmaniġġjaw il-ħin b'mod effettiv, u juru awtomotivazzjoni u sens ta' responsabbiltà. Juru reżiljenza quddiem l-istress u l-ostakli. Iwieġbu għall-bidla u jimplimentawha b'attitudni pożittiva, u jibqgħu effettivi taħt ammont ta' xogħol li qed jinbidel. Juru flessibbiltà u adattabbiltà.



5. **Ħidma ma' oħrajn**

Jikkollaboraw fl-istrutturi kollha u jerfgħu r-responsabbiltà għar-riżultati tal-organizzazzjoni kollha kemm hi. Jaqsmu l-għarfien (aktar milli jaħfnu), juru mentalità ta' servizz. Jittrattaw il-kunflitt b'mod kostruttiv. Juru faċilità fil-ħidma f'ambjent multikulturali u multilingwi, appoġġ għad-diversità, u mġiba rispettuża u inklużiva lejn oħrajn.



6. Tagħlim bħala ħila

Jiżviluppaw strateġiji għat-tagħlim, jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom stess u jistinkaw għal titjib kontinwu. Jieħdu s-sjeda tat-tagħlim proprju u jirriflettu fuqu. Juru r-rieda li jibdlu l-istrateġija fid-dawl ta' informazzjoni ġdida, biex jitgħallmu mill-falliment u japplikaw it-tagħlimiet li jkunu tgħallmu apposta. Jagħtu, jirċievu u iwieġbu għall-feedback.



7. Komunikazzjoni

Jikkomunikaw b'mod ċar kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, billi jadattaw il-messaġġ u l-mezz għall-udjenja. Juru ħiliet ta' abbozzar, il-kapaċità li jibnu argumenti solidi u jistrutturawhom b'mod effettiv, u juru ħiliet ta' persważjoni, negozjar, faċilitazzjoni u smiġħ.



8. Intraprenditorija

Juru inizjattiva, kreattività, entużjażmu, innovazzjoni, kapaċità ta' ħsieb bil-quddiem u karatteristiċi ta' tmexxija. Jirrappreżentaw is-servizz b'mod pożittiv mad-dinja ta' barra, jgħallmu u jikkowċjaw oħrajn, jagħtu eżempju u jispiraw lil oħrajn bl-azzjonijiet tagħhom.

